**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 26 ta' April, 2016**

**Citazzjoni Nru: 682/2011 AF**

**Victor Borg u martu Doris Borg**

**vs**

**X**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf ta' Victor Borg u martu Doris Borg li permezz tiegħu wara li ġie premess:

L-esponenti Victor Borg jiddikjara li huwa negozjant a tenur ta' Artikolu 478(1) Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta u n-negozju tieghu kien principarjament in-negozju tal-wallpaper u kien ilu jahdem fuq dana x-xoghol minn età zghira.

Tul dawna l-ahhar tnax (12) il-sena circa x-xoghol tal-wallpaper beda jonqos u l-esponenti Victor Borg beda jipprova jsib xoghol iehor jew jiddiversifika l-kwalità tax-xoghol principali tieghu.

L-esponenti waqaf li jhallas id-djun tieghu avolja ppruvat tghinu martu, u huma jiddikjaraw li jinsabu fi stat ta' falliment.

L-esponenti Victor Borg kien anke dahal f'diversi djun bl-isperanza li maz-zmien jimmiljora l-qaghda finanzjarja tal-familja tieghu fosthom ta' John Grima u Mario Silvio et liema somom huma titoli ezekuttivi (Dok. A, Dok. B & Dok. C).

L-ammont dovut (titolu ezekuttiv) lill-imsemmi John Grima huwa tnejn u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm22,000) ekwivalenti ghal circa wiehed u hamsin elf mitejn sitta u erbghin Ewro u wiehed u ghoxrin Ewro centezmi (€51,246.21) flimkien mal-imghax u l-ispejjez.

L-ammont dovut (titolu ezekuttiv) lill-imsemmi Mario Silvio (ID 691649M) u Mary Helen Silvio (ID 745254M) ta' 17, Triq il-Ghorghar, Santa Lucia, huwa tnejn u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm22,000) ekwivalenti ghal circa wiehed u hamsin elf mitejn sitta u erbghin Ewro u wiehed u ghoxrin Ewro centezmi (€51,246.21) flimkien mal-imghax u l-ispejjez.

Permezz ta' ittra ufficjali datata erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju 2011, l-esponenti gew avzati li l-kritu dovut lil John Grima ghadda lil Gaetano Grima (ID 656151M) ta' 734, Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun (ID 656151M) (Dok. D).

L-uniku proprjetà li ghandhom l-esponenti huwa l-fond "Dorvic Flats", St. Vincent Street, Sliema liema fondi kienu jinkrew lil terzi u dana kien l-uniku introjtu sabiex jghin sabiex l-esponenti jkollhom ftit flus sabiex jghixu.

Illum il-gurnata dawna l-fondi jinsabu ghandhom bzonn ta' manutenzjoni estensiva u l-esponenti ma ghandhomx fondi sabiex ssir il-manutenzjoni mehtiega.

Barra minn hekk hemm subbasta sabiex dawna l-fondi jinbieghu liema subbasta bl-ismijiet Mario Silvio et vs Victor Borg (Nru. 155/2006) liema subbasta kienet appuntata ghal nhar il-Hamis sebgha (7) ta' Lulju elfejn u hdax (2011) però ma saritx stante li ma kienux saru n-notifiki kollha.

Skond l-ahhar kontijiet li ghandhom l-esponenti tad-dawl u l-ilma fuq dawna l-appartamenti jammonta ghal circa Euro 4836.14 (Dok. E – Dok. H), illi Flat numru 2, is-servizz digà inqata' u qeghdin jircievu theddid li ser tinqata' l-flat numru 5. Illi dana l-ammont huwa dovut lil Arms Limited, WSC Building, Qormi Road, Luqa.

Dawna l-flats f'dawn ic-cirkostanzi huma difficli sabiex jinkrew stante l-istat li jinsabu fih u li hemm flat minnhom li digà gie sospiz is-servizz tal-elettriku.

It-taxxa tal-kawza fl-ismijiet Doris Borg vs Mario Silvio et (Cit. Nru. 381/07) ammontanti ghas-somma ta' Euro28,747.52 (Dok. I). Illi dana l-ammont huwa dovut lil diversi persuni, fosthom l-konvenuti kollha fil-kawza inkluz id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali, in-Nutar Dr. Marco Buttigieg u l-Perit David Pace.

L-esponenti joqoghdu fil-fond Blokk B4, Flat 7, Housing Estate, Ta' Xbiex, liema proprjetà tappartjeni lill-Gvern u huma jhallsu kirja fis-sena.

Digà hemm Mandat ta' Qbid fuq l-ghamra u l-oggetti li l-esponenti ghandhom fil-proprjetà u konsegwenza ta dan hemm anke multi ghaddejjin liema multi huma dovuti lil Transport Malta, Malta Transport Centre, Marsa, MRS 1917.

Il-vettura taghhom li l-esponenti kien principarjament kien juzaha ghan-negozju tieghu Fiat Stilo numru tal-vettura VIC 244 hemm mandat ta' Qbid (Mandat ta' Qbid numru 3137/2010) u hemm wkoll kawza fl-ismijiet Pater Finance Co. Limited (C22643) vs Victor Borg (Avviz 309/2010 CSH). Kemm il-mandat u kemm il-kawza huma ghal ammont dovut stante li l-esponenti ma wasslux ghal pagamenti ta' kambjali. Illi Pater Finance Company Limited ta' Psaila Street, Birkirkara, qeghda titlob is-somma ta' disa' t'elef erba mija u hamsin Ewro u tmienja u tmenin Ewro centemzi (€9,450.88) oltre l-imghax u l-ispejjez.

L-esponenti Victor Borg u martu Doris Borg, ghalkemm ghamlu diversi attentati sabiex jipprova jaslu ghal ftehim u jaraw kif ser jithallsu l-kredituri kollha taghhom.

L-introjtu taghhom huwa minimu u cioé mill-kirjiet ta' xi falt li ghandu mikri tant li anke ser ikollhom jitolbu l-ghajnuna socjali.

L-esponenti anke ghamel attentati sabiex il-kredituri jithallsu mill-proprjetà li qeghda ghas-subbasta però huma jhossu li s-sitwazzjoni hija irrekuperabbli u ghaldaqstant huma jiddikjaraw falliment ai termini ta' Artikolu 477 et seq tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13 – Ligijiet ta' Malta) u jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tappunta kuratur/i sabiex jiehdu hsieb, jamminista l-proprjetà u d-djun tar-rikorrenti ai termini tal-Ligi.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

Tappunta kuratur/i sabiex jieħdu ħsieb, jamministra l-proprjetà u d-djun tar-rikorrenti ai termini tal-Liġi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Automated Revenue Management Services Limited u tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma f'isimha proprju għan-nom tal-Enemalta li permezz tagħha eċċepew illi:

Il-kumpanija Automated Revenue Management Services Limited, maghrufa bhala ARMS Limited, hija biss agent tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u tal-Enemalta, liema korporazzjonijiet jipprovdu s-servizzi tal-ilma u l-elettriku u, ghalhekk, kwalunkwe ammont dovut mill-atturi ghas-servizzi tal-ilma u l-elettriku hu dovut lill-istess korporazzjonijiet, u mhux lill-kumpanija msemmija.

Fil-mertu, l-ammonti dovuti mill-atturi ghas-servizzi tal-ilma u l-elettriku provduti lilhom huma kif elenkati fil-prospett anness u mmarkat "Dok. WSC1", minn fejn jirrizulta li t-total dovut huma ta' sitt elef, mitejn u sebghin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€6,270.22).

Salvi risposti ulterjuri.

Rat ir-risposta tas-soċjetà Pater Finance Company Limited (C22643) li permezz tagħha eċċepiet illi:

Is-socjetà esponenti tiddikjara umilment illi hija kreditrici tar-rikorrenti Victor u Doris, konjugi Borg, fis-somma ta' sebat elef, tliet mija u disgha Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€7,309.88) rapprezentanti somma dovuta fuq dsatax-il kambjala, minnhom debitament accettati u skaduti minn Frar tas-sena elfejn u sitta (2006) sa Awwissu tas-sena elfejn u sebgha (2007) u mhux imhallsa.

Is-socjetà esponenti tirrileva umilment illi giet istitwita kawza ghal hlas ta dan l-ammont quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Pater Finance Company Limited vs Borg Victor et (Avviz Nru: 309/2010CSH), liema kawza tinsab differita ghat-28 ta' Settembru 2011 ghal-informazzjoni ulterjuri.

Ghalhekk is-socjetà esponenti ghandha interess tippartecipa f'dawn il-proceduri.

Rat ir-risposta ta' Gaetano Grima li permezz tagħha eċċepixxa illi:

L-esponent qed jopponi ghat-talba tar-rikorrenti stante illi d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 477 et sequitur tal-Kodici tal-Kummerc japplikaw biss fir-rigward ta' persuni li huma kummercjanti filwaqt illi fiz-zmien illi sar r-rikors odjern u fiz-zmien antecedent l-ebda wiehed miz-zewg rikorrenti konjugi Borg ma kien kummercjant a tenur tal-istess Kodici.

Fir-rigward ta' Doris Borg kif jirrizulta mir-rikors promotur stess, dina ma hijiex u qatt ma kienet kummercjant a tenur tal-Kodici tal-Kummerc u ghalhekk kull talba maghmula minnha ghal dikjarazzjoni ta' falliment hija irrita u nulla u ghandha tigi michuda.

Fir-rigward ta' Victor Borg filwaqt li xi tnax-il sena ilu dan kellu negozju fis-sens illi jaghti servizz ta' twahhil ta' wallpaper, dan

in-negozju jidher illi gie abbandunat snin ilu u dawn l-ahhar snin l-istess Victor Borg ma kien qed jaghmel ebda negozju u ghaldaqstant ma kienx u ma huwiex kummercjant fis-sens rikjest mill-Kodici tal-Kummerc.

Fil-fatt jidher illi d-djun illi ghamel r-rikorrent Victor Borg u li qed isemmi fir-rikors (inkluz il-kreditu tal-esponent stess) ma humiex djun relatati man-negozju jew servizz ta' twahhil ta' wallpaper izda huma djun ta' natura civili.

Ghaldaqstant fir-rigward ta' Victor Borg ukoll kull talba maghmula minnu ghal dikjarazzjoni ta' falliment a tenur tal-Kodici tal-Kummerc hija irrita u nulla u ghandha tigi michuda.

Minghajr pregudizzju r-rikorrenti naqsu milli jottemperaw ruhhom mad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 480 tal-Kodici tal-Kummerc li jesigu illi mad-dikjarazzjoni ta' falliment, il-kummercjant ghandu fl-istess hin, jipprezenta fil-Qorti il-kotba u l-karti tieghu kollha tal-kummerc.

Ghalhekk ukoll u sakemm ma jigux prezentati dawn il-kotba tal-kummerc ma jistax jigi dikjarat il-falliment tar-rikorrenti jew min minnhom u ma jistax jigi appuntat l-ebda kuratur.

Minghajr pregudizzju u ghal kull buon fini f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti tiddeciedi illi r-rikorrenti jew min minnhom ghandhom jigu dikjarati falluti u jigi appuntat kuratur, l-esponent jiddikjara bir-rispett illi huwa kreditur konfermat tar-rikorrenti fl-ammont ta' sitta u erbghin elf disa' mija u ghaxar Ewro u disa' u ghoxrin centezmu (€46,910.29) oltre imghaxijiet legali ulterjuri u spejjez li huwa bilanc minn somma akbar kif spjegat hawn taht.

Permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Novembru 2008 (876/2004/1) fl-ismijiet John Grima vs Victor u Doris konjugi Borg r-rikorrenti gew konfermati li huma debituri ta' John Grima (hu l-esponent) fl-ammont ta' hamsa u tmenin elf, disa' mija u ghaxar Ewro u disa' u ghoxrin centezmu (€85,910.29).

Dan il-kreditu gie assenjat lill-esponent Gaetano Grima permezz ta' skrittura datata 26 ta' Mejju 2011, liema assenjazzjoni giet debitament notifikata lir-rikorrenti permezz ta' ittra ufficjali fit-28 ta' Gunju 2011.

It-titolu ezekuttiv tal-esponent gie esegwit in parte permezz ta' subbasta fl-ismijiet Gaetano Grima vs Dolores Borg (53/2011) li permezz taghha in-nofs indiviz tal-proprjetà "Dorvic Flats", 7, St. Vincent Street Sliema gie liberat favur l-esponent wara li dan offra s-somma ta' disa' u tletin elf Ewro (€39,000) animo compensandi fl-istess subbasta.

Ghalhekk l-esponent ghadu kreditur tar-rikorrenti fl-ammont ossia bilanc imsemmi ta' sitta' u erbghin elf disa' mija u ghaxar Ewro u disa' u ghoxrin centemzu (€46,910.29) oltre imghaxijiet legali ulterjuri u spejjez.

Dan il-kreditu tal-esponent huwa kopert b'ipoteka generali fil-konfront tar-rikorrenti insinwata fid-29 ta' Lulju 2011 bin-numru 011442 (kopja annessa bhala Dok. GG1).

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet premessi l-esponenti filwaqt li jopponi ghat-talba tar-rikorrenti sabiex jigi dikjarat il-falliment taghhom a tenur tal-Kodici tal-Kummerc jiddikjara illi f'kaz illi tali dikjarazzjoni ta' falliment issir huwa ghandu interess jippartecipa fil-proceduri relattivi.

Rat il-provediment tagħha tad-9 ta' Mejju 2013 li permezz tiegħu ddikjarat illi Victor Borg waqaf milli jħallas id-djun tiegħu b'seħħ mill-5 ta' Ottubru 2006 u għaldaqstant ġie maħtur bħala kuratur tal-falliment l-Avukat Alessandro Lia bis-setghat u dmirijiet skont l-Artikolu 488 et seq. tal-Kodiċi tal-Kummerċ, fosthom li jħejji l-inventarju u l-lista tal-kredituri skont il-liġi.

Rat illi saret il-pubblikazzjoni ta' dan il-provvediment fil-Gazzetta tal-Gvern u ġurnal lokali kif irid l-Artikolu 490 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-kuratur tal-falliment Dr. Alessandro Lia.

Rat ir-rapport tal-kuratur tal-falliment Dr. Alessandro Lia.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz ta' provvediment mogħti fid-9 ta' Mejju 2013 din il-Qorti iddikjarat illi Victor Borg waqaf milli jħallas id-djun tiegħu b'seħħ mill-5 ta' Ottubru 2006.

Illi l-kuratur tal-falliment sab illi l-konjuġi Victor u martu Doris Borg m'għandhomx assi li minnhom jistgħu jitħallsu l-kredituri.

Illi fir-rapport tiegħu il-kuratur tal-falliment, wara li elenka d-djun kontra r-rikorrenti, sab illi r-rikorrenti m'għandhom ebda proprjeta mobbli jew immobbli. Il-kuratur irriżultalu wkoll illi n-negozju tal-fallut ilu wieqaf snin u r-rikorrenti m'għandhomx impjieg tant illi qegħdin jirċievu l-benefiċċju għall-qagħad.

Illi l-kuratur ikkonkluda li '*kwalsijasi prospett li jista' jsir fil-konfront tar-rikorrenti huwa prospett li jolqot biss il-ħajja ta' kuljum tagħhom, u mhux in-negozju li kellhom. Detto questo, l-esponent jirrileva li r-rikorrenti llum għandhom 59 u 58 sena rispettivament, huma viċin l-età pensjonabbli u fil-fehma tiegħu ma teżistix probabiltà raġjonevoli li r-rikorrenti jerġgħu jiġu rijabilitati*.'[1]

Illi l-Qorti tikkondividi l-konklużjonijiet tal-kuratur tal-falliment.

Illi l-Artikolu 517 et seq. tal-Kodiċi tal-Kummerċ iridu li, wara l-verifika tal-krediti, isir akkordju bejn il-fallut u l-kuraturi sabiex tkun tista' ssir rijabilitazzjoni tal-fallut, jew, fin-nuqqas ta' akkordju, issir gradwazzjoni tal-kredituri sabiex dawn jitħallsu mill-prezz li jinġieb mill-bejgħ tal-assi tal-fallut. Fil-każ illi għandha quddiemha l-Qorti llum ma jirriżultax illi jista' jsir

[1] Fol. 162 tal-proċess

akkordju u lanqas huwa l-każ illi ssir il-gradwazzjoni tal-kredituri in vista tan-nuqqas ta' assi tal-fallut Victor Borg.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti hija tal-fehma li mhuwiex il-każ illi sseħħ ir-rijabilitazzjoni tal-fallut iżda lanqas ma hemm utilità li jitkompla l-inkarigu tal-kuratur tal-fallut billi ma hemmx beni x'jamministra l-istess kuratur.[2]

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda ittemm il-ħatra tal-kuratur tal-falliment u l-istat tal-falliment tar-rikorrent Victor Borg sabiex hekk l-amministrazzjoni terġa tiġi f'idejn ir-rikorrent, b'dan illi l-krdituri jerġgħu jiksbu l-jeddijiet tagħhom kontra r-rikorrenti fuq il-beni kollha li r-rikorrenti jista' għad ikollhom.

L-ispejjeż jitħallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG

---

[2] Ara Amabile Laferla vs Amabile Fiteni et, Qorti tal-Kummerċ, 7 ta' Novembru 1893 u Victoria Cremona et vs Carmelo Chetcuti pro et noe et, Prim Awla tal-Qorti Ċivili, 28 ta' April 2009